MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 58/2013

**Rose Mary Saliba Rapa**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess:

1. Illi fl-att tat-twelid ta' binha minuri Keran Frankie Silvio numru erbgha u erbghin (44) tas-sena 2009 datat 16 ta' Marzu 2009 fil-hames kolonna, taht l-intestatura 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' isem u kunjom it-tarbija tnizzel bhala "Keran Saliba" mentri fil-fatt kellu jkun "Keran Saliba Rapa".

2. Illi l-esponenti qeghdha tesebixxi bhal Dok ‘A’ kopja ufficcjali tal-att tat-twelid ta’ binha minuri numru 44 tas-sena 2009, kif ukoll bhala Dok ‘B’ kopja tal-fidi tal-maghmudija mahruga mid-Djocesi t’Ghawdex Parocca “Madonna ta’ Loreto”, Ghajnsielem.

L-attrici ghalhekk talbet lil din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-Twelid ta’ iben l-attrici numru erbgha u erbghin (44) tas-sena 2009 (elfejn u disgha) billi fil-hames koonna taht l-intestatura ‘isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ jitnizzel bhala ‘Keran Saliba Rapa’, minflok kif erroneament indikat fl-att tat-twelid fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament jehtieg li l-minuri jkun parti fil-kawza u jigi rapprezentat minn kuratur;

2. Illi fir-rigward tal-emendi mitluba fic-certifikat tat-twelid ta’ Keran Saliba, numru 44 tas-sena 2009, meta l-genituri marru jirregistraw it-tarbija taghhom, huma kellhom l-opportunita’ jaghzlu x’kunjom ha tinghata t-tarbija mar-registrazzjoni tat-twelid taghha, liema ghazla hija rrevokabbli (precisament ai termini ta’ l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta). Illi missier it-tarbija ffirma fuq l-att tat-twelid ta’ ibnu fejn kunjom it-tarbija gie ndikat bhala Saliba biss;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kopja tal-fidi tal-maghmudija ma tikkostitwixxix prova illi kunjom Keran kellu jkun Saliba Rapa u mhux Saliba biss, anzi fuq l-istess dokument kunjom Keran huwa ndikat bhala Saliba;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-

rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-attrici f'din il-kawza ma tirreferi ghall-ebda artikolu tal-ligi madankollu jidher mid-dicitura wzata li hija qeghdha taghmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti dritt li kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghal korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat civili.

It-talba attrici hija fis-sens li kunjom binha li llum huwa Saliba ghandu jinbidel ghal Saliba Rapa ossija ghandu jizdied kunjom xbubitha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Montanaro vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**[1] intqal:

*"Illi in verita t-talba odjerna qed issir ai termini tal-**artikolu 253 tal-Kap 16**, li jirreferi ghall-talba gudizzjarja sabiex isir bdil fl-isem jew ismijiet tal-attur u mhux fuq kunjom, izda ai fini ta' din il-kawza din il-Qorti tirreferi ghal dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:-*

[1] Cit Nru: 1815/01RCP deciza fis-7 ta' Jannar 2003

*“Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu “isem” fl-***artiklu 253 tal-Kap 12** *– ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista’ wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta’ persuna` - kien u hu kunjom jew “surname”. Fil-lingwa Franciza, bhala f’ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah “prenom” minn dak li hu “nom de famille”. Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal “dixxendenti ulterjuri”, pero` din hija “lapsus”, oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta’ axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, “Paul” ghal “Joseph”, tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa’ tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li “ratio legis” kien dak biss li jaghmilha possibbli li f’kazi idoneji l-isem (il-“first name” jew “prenom”) ikun jista’ jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball”.*

*“Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta’ inkluzjoni ta’ kunjom genitur imma* <u>*qatt*</u> *ma accettaw bdil jew zieda ta’ kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x’imkien. Il-kunjomijiet “Magro” u “Magri”, imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala “Magro” minflok “Magri”, jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.”*

*Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi, la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tieghu indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza “***Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et”** *(AC 29 ta’ Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza.*

*Illi fil-kaz ikkwotat mill-attur fin-nota tieghu fl-ismijiet* ***“Leonard u Apollonia konjugi Ellul maghrufa bhala Ellul Mercer et vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku”*** *(P.A. (JRM) Cit.Nru: 1138/01/JRM - 21 ta’ Marzu 2002) hu*

*minnu li l-Qorti qalet "illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna", izda l-kaz kien totalment differenti minn dak odjern".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Matthew Mercieca sive Mercieca Balbi vs Direttur tar-Registru Pubbliku[2],** l-attur kien registrat bhala Mercieca izda talab li peress li kien dejjem maghruf bhala Mercieca Balbi dan kellu wkoll ikun rispekkjat fl-att tat-twelid tieghu. Il-Qorti tenniet hekk:

*"Illi l-ewwelnett sewwa josserva l-konvenut illi l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitnizzel kunjom it-tarbija ghas-semplici raguni illi t-tarbija tiehu kunjom missierha jew ommha skond il-kaz. Ghalhekk l-attur ma jistax jaghmel it-talba li qed jaghmel ghaliex effettivament ikun qed ibiddel kunjom missieru. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza imsemmija, l-Artikolu 253 (2) jirreferi ghall-**isem** (u mhux kunjomu) l-attur u mhux kunjomu ghas-semplici raguni li c-certifikat tat-twelid ta' persuna ma jaghtix il-kunjom ta' dik il-persuna, izda ghal dak li huwa kunjom, jaghti l-kunjom ta' missier u ta' omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jigi moghti specifikatament lill-persuna li ghaliha jirreferi c-certifikat li jkun, ... U huwa proprju ghax ic-certifikat tat-twelid ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel semplicement jassumi l-kunjom ta' missieru (li mieghu llum jista' jzid kunjom ommu) li r-riferenza ghall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija necessarjament referenza ghal-prenom u mhux ghal- kunjom jew 'family name'.*

*Illi huwa minnu li kien hemm kazi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attrici) awtorizzat annotazzjoni fil-margini tal-att tat-twelid; madankollu f'din il-kawza l-attur m'ghamel ebda talba simili u f'kull kaz bejn il-kunjom mizjud u l-persuna li qed taghmel it-talba irid ikun hemm ness; per ezempju jkun kunjom omm l-attur (vide s-sentenza **"John Zammit***

[2] Rik Nru: 182/2010JA deciza fis-26 ta' Jannar 2011

***sive Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"****, Qorti tal-Appell deciza fit-2 ta' Marzu 1994). Din il-kawza giet intavolata qabel l-emendi fil-Kodici Civili li ppermettew persuna zzid kunjom ommha wkoll".*

Proprju hija din l-ahhar emenda li l-konvenut qieghed jirreferi ghaliha. Ghalhekk se ssir referenza ghall-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili li jistipula:

*"(3) Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha:*

*Izda, fil-kaz ta' ulied iz-zwieġ li twieldu qabel is-7 ta' Awwissu 2007, huma jkunu jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li miet qabilha wara l-kunjom ta' missierhom jekk kemm–il darba huma jissottomettu l-Formula T li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' din il-Kodici lill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, liema formula ghandu jkun fiha dikjarazzjoni li fil-hajja socjali taghhom huma ziedu u uzaw kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li miet qabilha wara l-kunjom ta' missierhom li jkunu assumew mat-twelid taghhom. Din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' ssir wara li tghaddi sena mid-data tad-dhul fis-sehh ta' dan il-provvediment u meta din il-formula tkun giet mghoddija lill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, id-Direttur ghandu jnizzel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni f'kull att tal-istat civili tal-persuna li tkun hekk ghamlet dik id-dikjarazzjoni. Din id-dikjarazzjoni maghmula permezz tal-Formola T ghandha tkun irrevokabbli."*

Illi l-artikolu 292A tal-Kodici Civili jipprovdi:

***"****Min jaghti l-avviz tat-twelid ghandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-genituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juza fit-termini ta' artikolu 4(3) jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom ghandu jkun registrat fil-kolonna that l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet. Meta ma ssirx dikjarazzjoni bhal dik fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled fiz-*

*zwieg, kunjom il-missier ghandu jitqies li jkun gie hekk dikjarat, u fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, kunjom xbubit l-omm ghandu jitqies bhala l-kunjom hekk dikjarat".*

Illi l-konvenut isostni li meta l-ġenituri marru jirregistraw it-tarbija taghhom huma kellhom l-opportunita' li jaghzlu x'kunjom ha tinghata t-tarbija fis-sens jekk hux se jizdied kunjom il-mara apparti dik tal-missier liema ghazla hija wahda rrevokabbli.

Mill-atti jirrizulta li kien il-missier li mar jirregistra lit-tifel. L-attrici[3] xehdet li peress li hija welldet lil binha cesarja ma setghetx tmur tirregistra t-tarbija flimkien ma' zewgha. Hija spjegat li sa minn qabel twieled it-tifel  zewgha u hija kienu ftehmu li l-kunjom tat-tifel kellu jkun apparti tal-missier izda taghha wkoll. Huwa evidenti li meta l-missier mar biex jirregistra lit-tifel ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni bhal dik rikjesta fl-artikolu 292A tal-Kodici Civili u ghalhekk il-minuri gie rregistrat b'kunjom missieru biss. Irid ukoll jigi rilevat li kuntrarjament ghal dak premess jirrizulta li anki fil-kopja tal-fidi l-minuri gie registrat biss b'kunjom missieru.

Hekk kif gie spjegat fis-sentenzi precitati, permezz ta' tali talba l-attrici qeghda titlob tibdil fil-kunjom tal-minuri li mhux permess. Fil-fehma tal-qorti meta genitur jew genituri jmorru biex jirregistraw lill-iben jew binthom fir-Registru Pubbliku ghandhom ghazla quddiemhom u jehtieg li jiddikjaraw x'se tkun l-ghazla taghhom mar-registrazzjoni. Mill-proviso ta' l-artikolu 4(3) jirrizulta wkoll li dawk il-persuni li twieldu qabel id-data msemmija kellhom sena biex imorru jaghmlu d-dikjarazzjoni necessarja minn mindu dahal fis-sehh il-provvediment. Inghataw terminu u dan ovvjament sabiex ikun hemm certezza.  Kieku kellu jigi permess li wara li tarbija tkun registrata imbaghad darba fost l-ohrajn il-genituri jew xi hadd minnhom jiddeciedi li l-minuri jrid ukoll igib kunjom l-omm dan jista' jaghti lok ghal abbuz u incertezza. Wiehed ma jridx jinsa l-importanza tal-kunjom u isem ta' persuna

[3] Seduta tad-19 ta' Novembru 2013

partikolarment meta jkun hemm bzonn li jsiru ricerki fuq l-istess persuna. Oltre' dan irrizulta li l-Qrati taghna meta accettaw zieda fil-kunjom li dejjem kien uzat mill-individwu ma saritx korrezzjoni tac-certifikat izda annotazzjoni – li f'din il-kawza lanqas biss intalbet.

Huwa ovvju li meta l-artikolu 4(3) jinqara ma' l-artikolu 292A tal-Kodici Civili ghandu jigi interpretat fis-sens li jekk ikun se jizdied kunjom l-omm wara dak tal-missier dan irid isir mar-registrazzjoni. L-istess artikolu 292A b'mod tassattiv jistipula li - *Meta ma ssirx dikjarazzjoni bhal dik fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled fiz-zwieg, kunjom il-missier ghandu jitqies li jkun gie hekk dikjarat.*

Illi apparti dan kollu jinghad ukoll li l-attrici lanqas irregolat ruhha dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------